# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 24 ta' Gunju 2020**

**Kawza Numru: 12**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 198/2020 JVC**

**Emara Company Limited (C-88224)**

**vs**

**Dylan Saliba (252693M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat bil-giljottina fejn is-Socjeta` rikorrenti Emara Company Limited kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi l-esponenti ghandha bi proprjeta` l-garaxx internament markat bin-numru 16, formanti parti minn kumpless ta' bini jismu 'Rebecca Mansions', fi Triq Hal-Mula Haz-Zebbug, Malta, li hija akkwistat minghand Maria Nicolina sive

Marlene Azzopardi b'att tan-Nutar Dottor Liza Schembri tat-12 ta' Dicembru 2018;

2. Illi fl-ahhar zmien, l-intimat dahal jokkupa dan il-garaxx minghajr ebda jedd validu fil-ligi;

3. Illi kemm l-esponenti u anke l-awtrici taghha interpellaw lill-intimat diversi drabi sabiex jirrilaxxja l-garaxx imsemmi, bil-pussess battal, favur l-esponenti, u jirritornalha c-cwievet, pero' sal-lum baqa' inadempjenti;

4. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sabiex it-talba tal-esponenti ghall-izgumbrament tal-intimat minn dan il-fond tigi deciza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza billi sa fejn taf l-esponenti l-intimat ma ghandux difiza x'jaghti kontra din it-talba;

Ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti titlob bir-rispett li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti joghgobha:

i. tiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

ii. tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti jizgombra mill-garaxx 16, Rebecca Mansions, Triq Hal-Mula, Zebbug Malta, u jirrilaxxjah favur l-esponenti bil-pussess battal;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tat-8 ta' Dicembru 2019, u tal-ittri ufficjali tal-10 ta' Jannar 2020 u tat-18 ta' Frar 2020 kontra l-intimat li huwa ingunt ghas-subizzjoni;

B'rizerva ghal kull azzjoni ohra, inkluz dik ghad-danni, kompetenti lill-esponenti skond il-ligi.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess ir-rikorrenti talbet li li l-kawza tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat id-dokumenti u l-atti kollha annessi;

Rat ir-riferta pozittiva ta' l-intimat datata 17 ta' Marzu, 2020 ;

Rat illi fis-seduta tal-lum l-istess intimat issejjah diversi drabi ma deherx ;

Semghet ix-xhieda ta' Emanuel Azzopardi in rapprezentanza tal-Kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament illi ghalkemm l-intimat m'ghandu l-ebda titolu fuq il-garaxx in kwistjoni, sal-lum qed jirrifjuta li johrog mill-istess;

Ikkonfermat mid-dokument u cioe` Kuntratt Pubbliku datat 12 ta' Marzu, 2018 esebit a fol. 12 et ergo tal-process illi s-socjeta' attrici hija appuntu il-proprjetarja` tal-garaxx in kwistjoni.

Illi  in vista ta' dak kollu suespost u l-atti, l-Qorti tqis illi t-talbiet tas-socjeta` attrici jisthoq ki jigu milqugha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstasnt il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi :

1. Fl-ewwel lok tilqa' l-ewwel talba u tghaddi sabiex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-intimat Dylan Saliba sabiex fi zmien xahar mil-lum jizgombra mill-garaxx 16, 'Rebecca Mansions', Triq Hal-Mula, Zebbug, Malta, u jirrilaxxjah favur is-socjeta` attrici bil-pussess battal;

Bl-ispejjez kollha kif mitluba.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Gunju, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Gunju, 2020**